MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1202/2004

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Maghtab Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm275.47) rappresentanti danni ikkagjonati mis-socjeta konvenuta fi proprjeta tal-Korporazzjoni attrici nhar is-7 ta' Awissu 2002 gewwa Triq L.Manche, Attard.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu 2003 u bl-imghaxijiet minn din id-data kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-Korporazzjoni attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm275.47), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Awissu 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Awissu 2003 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------